# Green City Accord

## Nota ta' Spjegazzjoni dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar u s-Sett ta' Indikaturi Obbligatorji

*Dan li ġej jipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor tal-pedamenti tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar (M&R) tal-Green City Accord (GCA) (Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi), kif ukoll is-sett ta' indikaturi obbligatorji għal kull wieħed mill-ħames oqsma koperti mill-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi: l-arja, l-ilma, in-natura u l-bijodiversità, l-iskart u l-ekonomija ċirkolari, u l-istorbju.*

### Ir-rapportar bħala komponent ewlieni tal-Green City Accord (Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi)

Il-bliet firmatarji għandhom jirrapportaw il-progress tagħhom fil-ħames dominji differenti tal-Green City Accord (Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi.) Is-sistema ta' M&R - li attwalment għadha qed tiġi żviluppata - se tirrifletti l-progress li jsir lejn dawn l-għanijiet.

L-iskopijiet ewlenin tar-rapportar fil-qafas tal-GCA għalhekk huma:

- Li tiġi pprovduta evidenza dwar il-mod kif il-bliet firmatarji qed jagħmlu progress lejn il-ħames għanijiet tal-GCA;
- Li l-bliet firmatarji jkunu jistgħu joħolqu parametri referenzjari biex iqabblu l-progress tagħhom stess mal-progress tal-bliet sħab tagħhom.

### Indikaturi obbligatorji

Is-sett sħiħ ta' indikaturi obbligatorji jista' jinstab fil-paġni li ġejjin.

Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq il-bliet, l-għadd ta' indikaturi obbligatorji ġie limitat u għalhekk mhux maħsub biex ikopri l-qasam tal-GCA kollu kemm hu.

Minbarra l-indikaturi obbligatorji, il-bliet jistgħu jużaw indikaturi oħra definiti lokalment biex jimmonitorjaw il-progress li jagħmlu lejn il-miri lokali speċifiċi tagħhom.

### Użu tal-indikaturi obbligatorji

L-indikaturi obbligatorji qegħdin biex jiġu applikati għal:

- L-istabbiliment tal-linja bażi (jiġifieri l-punt tal-bidu f'kull dominju) fi żmien sentejn wara li jiġi ffirmat il-GCA.
- Ir-rapportar ta' bidliet imqabbla mal-linja bażi f'ritmu regolari ta' tliet snin.

### Għodda ta' rapportar

L-għodda ta' rapportar se ssir disponibbli dalwaqt. F'termini prattiċi, se jkollok bżonn timla żewġ sezzjonijiet: l-indikaturi obbligatorji u l-azzjonijiet.

Indikaturi obbligatorji: Ir-rapportar huwa previst li jsir online permezz ta' għodda dedikata fejn il-valuri tal-indikaturi jistgħu jiddaħħlu direttament.

Azzjonijiet: Għall-azzjonijiet *ippjanati* (→ rapportar dwar il-linja bażi) u l-azzjonijiet *implimentati* (→ rapportar dwar il-progress) irid jimtela mudell (bl-Ingliż) li mbagħad jista' jittella' fil-parti dedikata għar-rapportar fuq is-sit web.

# Arja



*Il-bliet jimpenjaw ruħhom għal titjib sinifikanti fil-kwalità tal-arja billi jersqu eqreb lejn ir-rispett tal-linji gwida dwar il-kwalità tal-arja tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u jtemmu l-qbiż tal-istandards tal-kwalità tal-arja fl-UE mill-aktar fis possibbli.*

— **Il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' PM2.5 [l-ogħla medja annwali osservata fi stazzjonijiet għall-monitoraġġ tal-arja (sub)urbani]**

Dan l-indikatur jindika l-livelli ta' konċentrazzjoni medji annwali tal-materja partikolata (PM) 2.5 fl-ogħla livelli ta' bażi.

REF: Id-Direttivi tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (2008/50/KE u 2004/107/KE) u l-Linji Gwida ġodda tal-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja

— **Il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' kuljum ta' $PM_{10}$ [l-ogħla numru ta' jiem fis-sena li jaqbżu r-rakkomandazzjonijiet tal-WHO ta' 45 µg/m$^3$ osservati fi kwalunkwe sfond (sub)urban jew stazzjon tat-traffiku]**

Dan l-indikatur jindika l-materja partikolata $PM_{10}$ fil-jiem li taqbeż 45 µg/m$^3$ fi kwalunkwe sfond (sub)urban jew stazzjon tat-traffiku.

REF: Id-Direttivi tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (2008/50/KE u 2004/107/KE) u l-Linji Gwida ġodda tal-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja

— **Il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' $NO_2$ (l-ogħla medja annwali osservata fl-istazzjonijiet tat-traffiku)**

Dan l-indikatur jidentifika l-livelli ta' konċentrazzjoni medji annwali tad-dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) fl-ogħla livelli fil-postijiet tat-traffiku.

REF: Id-Direttivi tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (2008/50/KE u 2004/107/KE) u l-Linji Gwida ġodda tal-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja



# Ilma

*Il-bliet jimpenjaw ruħhom li jagħmlu progress sinifikanti fit-titjib tal-kwalità tal-korpi tal-ilma u l-effiċjenza tal-użu tal-ilma.*

— **Konsum ta' ilma domestiku (litri/capita/jum)**

Dan l-indikatur ikejjel il-konsum tal-ilma domestiku u huwa kkalkulat permezz tal-użu ta' litri per capita kuljum.

REF:

Eż. Il-Premju tal-Belt Kapitali Ekoloġika tal-Ewropa 2023, Nota ta' Gwida (Mejju 2020).

— **Indiċi ta' Tnixxija Infrastrutturali (ILI)**

L-Indiċi ta' Tnixxija Infrastrutturali (ILI, Infrastructure Leakage Index) huwa l-proporzjon tat-Telf Reali Annwali Attwali (CARL, Current Annual Real Losses) mat-Telf Reali Annwali Inevitabbli (UARL, Unavoidable Annual Real Losses)

ILI = CARL/UARL

L-ILI huwa indikatur tal-prestazzjoni għat-tnixxija li jaġġusta t-telf imkejjel billi jqis il-pressjoni tas-servizz u t-tul tan-network.

REF:

Canfora P., Antonopoulos I. S., Dri M., Gaudillat P., Schönberger H. (2019) Best Environmental Management Practice for the Public Administration Sector. (L-Aqwa Prassi tal-Ġestjoni Ambjentali għas-Settur tal-Amministrazzjoni Pubblika). Rapport dwar il-Xjenza għall-Politika tal-JRC EUR 29705 EN; Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem

— **Perċentwal tal-ilma urban mormi li jissodisfa r-rekwiżiti tal-UWWTD (fir-rigward tal-ġbir u t-trattament sekondarju)**

Perċentwal tat-tagħbija tal-ilma mormi li jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD) fir-rigward tal-ġbir u t-trattament sekondarju.

REF: Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD) dwar il-ġbir (l-Artikolu 3) u t-trattament sekondarju (l-Artikolu 4).

# Natura u Bijodiversità

*Il-bliet jimpenjaw ruħhom għal progress konsiderevoli fil-konservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità urbana, inkluż permezz ta' żieda fil-kobor u l-kwalità ta' żoni ekoloġiċi fil-bliet, u bit-twaqqif tat-telf u bir-restawr ta' ekosistemi urbani.*

— **Perċentwal ta' żoni naturali protetti, żoni restawrati u naturalizzati fuq art pubblika fil-muniċipalità**

Indikatur tal-istatus u tax-xejriet li jivvaluta l-kopertura ta' żoni naturali protetti, żoni restawrati u naturalizzati fil-muniċipalità relatata mal-erja tal-wiċċ totali tal-muniċipalità.

REF:

CBD (2014) User's Manual on the Singapore Index on Cities' Biodiversity (Manwal tal-Utent dwar l-Indiċi ta' Singapor dwar il-Bijodiversità tal-Bliet); Maes J et al., Enhancing Resilience of Urban Ecosystems through Green Infrastructure (Titjib fir-Reżiljenza tal-Ekosistemi Urbani permezz ta' Infrastruttura Ekoloġika). Rapport Finali, EUR 29630 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019; Dumitru, A.; Wendling, L. (2021) Evaluating the Impact of Nature-based Solutions: Appendix of Methods. Publications Office of the European Union, Brussels, 2021, ISBN 978-92-76-22960-5, doi:10.2777/11361.

— **Perċentwal ta' kopertura tas-siġar fil-belt**

Indikatur tal-istatus li jivvaluta l-proporzjon ta' siġar imkabbra (bil-potenzjal li jikbru sal-maturità sħiħa) relatat mal-erja tal-belt u jagħti indikazzjoni tal-konnettività.

REF:

Doick et al. (2019) The Canopy Cover of England's Towns and Cities: baselining and setting targets to improve human health and well-being; (Id-Dell mis-Siġar fl-Ibliet tal-Ingilterra: referenzi u l-iffissar ta' miri għat-titjib tas-saħħa u l-benessri tal-bniedem) Atlas Urban Ewropew.

— **Bidla fl-għadd ta' speċi ta' għasafar fiż-żona urbana/żoni mibnija fil-belt**

Indikatur tax-xejriet li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-bidliet fid-diversità tal-ispeċi: permezz ta' għasafar bħala indikatur għall-kwalità tal-ħabitats; importanti huwa l-fokus fuq żoni b'densità għolja ta' bini fejn l-għadd ta' speċi huwa inevitabbilment aktar baxx minn dak li jinsab fl-ispeċi ta' ekosistemi naturali; tista' sseħħ bidla permezz tal-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estinzjoni tal-ispeċi.

REF:

CBD (2014) User's Manual on the Singapore Index on Cities' Biodiversity (Manwal tal-Utent dwar l-Indiċi ta' Singapor dwar il-Bijodiversità tal-Bliet).

# L-Iskart u l-Ekonomija Ċirkolari

*Il-bliet jimpenjaw ruħhom għal avvanz lejn l-ekonomija ċirkolari bil-kisba ta' titjib sinifikanti fl-immaniġġjar tal-iskart muniċipali domestiku, tnaqqis importanti fil-ġenerazzjoni tal-iskart u l-miżbliet, u żieda sostanzjali fl-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ.*

— **L-iskart muniċipali ġġenerat per capita (tunnellati)**

L-indikatur ikejjel il-piż ta' skart muniċipali ġġenerat fil-belt, inkluż skart ippreparat għall-esportazzjoni qabel it-trattament f'termini ta' per capita.

L-indikatur kemm jista' jkun għandu jiġi diżaggregat fil-frazzjonijiet ta' skart differenti (ara l-Eurostat).

L-indikatur jista' jiġi espress bħala "tunnellati ta' skart muniċipali ġġenerat per capita fis-sena".

REF:

Definizzjoni tad-Database tal-Eurostat; Gwida għall-Kumpilazzjoni ta' Eurostat.

— **Rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali (%)**

L-indikatur ikejjel is-sehem tal-iskart muniċipali riċiklat bħala parti mill-iskart muniċipali totali ġġenerat. Ir-riċiklaġġ jinkludi r-riċiklaġġ ta' materjali, l-ikkompostjar u d-diġestjoni anerobika. Il-proporzjon huwa espress f'perċentwal (%) billi ż-żewġ termini jitkejlu fl-istess unità, jiġifieri tunnellati.

REF:

Definizzjoni tad-Database tal-Eurostat; Gwida għall-Kumpilazzjoni ta' Eurostat; Is-Sħubija tal-Aġenda Urbana għall-UE dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

— **L-iskart muniċipali li jmur fil-miżbla (%)**

L-indikatur ikejjel is-sehem ta' skart muniċipali miġbur fil-konfini tal-belt li jitqiegħed fil-miżbliet (ġewwa u lil hinn mill-konfini tal-belt) bħala perċentwal. L-indikatur huwa espress bħala "tunnellati ta' skart muniċipali mqiegħed fil-landfills/tunnellati ta' skart muniċipali miġbur". Barra minn hekk, dan jista' jiġi espress ukoll f'termini assoluti per capita biex jippermetti tqabbil bejn il-bliet.

REF:

Gwida għall-Kumpilazzjoni ta' Eurostat.

# L-istorbju



*Il-bliet jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu b’mod sinifikanti t-tniġġis akustiku fil-bliet u joqorbu lejn il-livelli rakkomandati tad-WHO.*

— **Perċentwal tal-popolazzjoni esposta għal livelli ta’ storbju medji ta’ binhar-filgħaxija-billejl (Lden) ≥ 55 dB**

Perċentwal tal-popolazzjoni esposta għal livelli ta’ storbju medji ta’ binhar-filgħaxija-billejl (Lden) ≥ 55 dB.

REF:

Id-Direttiva dwar l-Istorbju Ambjentali (END) (2002/49/KE) l-Art. 5, l-Art. 6; l-Anness II; EEA, Exposure of Europe's population to environmental noise (Esponiment tal-popolazzjoni tal-Ewropa għall-istorbju ambjentali).

— **Perċentwal tal-popolazzjoni esposta għall-istorbju matul il-lejl (Lnight) ≥ 50 dB**

Perċentwal tal-popolazzjoni esposta għall-istorbju matul il-lejl (Lnight) ≥ 50 dB.

REF:

Id-Direttiva dwar l-Istorbju Ambjentali (END) (2002/49/KE) l-Art. 5, l-Art. 6; l-Anness II; EEA, Exposure of Europe's population to environmental noise (Esponiment tal-popolazzjoni tal-Ewropa għall-istorbju ambjentali).

— **Perċentwal tal-popolazzjoni (adulta) b’Disturbi Għoljin Waqt l-Irqad**

Id-data dwar l-esponiment għall-istorbju tal-popolazzjoni (jiġifieri mill-indikaturi 1 u 2 t’hawn fuq) tista’ tiġi kombinata mar-relazzjonijiet bejn id-doża u l-effett (jiġifieri formuli li jispeċifikaw il-mod kif l-effett jinbidel bħala funzjoni tal-esponiment), sabiex jiġi kkalkulat ir-riskju tal-effetti dannużi tal-istorbju fuq is-saħħa. “Disturbi Għoljin Waqt l-Irqad” huwa wieħed mill-effetti (jew “punti ta’ tmiem tas-saħħa”) li jistgħu jiġu kkalkulati; dan huwa relatat mal-indikatur Lnight t’hawn fuq.

REF:

Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2020/367 tal-4 ta’ Marzu 2020 li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta’ metodi ta’ valutazzjoni għal effetti ta’ ħsara tal-ħsejjes ambjentali; EEA (2019) Environmental noise in Europe — 2020 (Storbju ambjentali fl-Ewropa — 2020).